# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur John Spiteri)

vs

-Ommissis-

**Kumpilazzjoni Numru: 798/21**

**Illum, 28 ta' Frar, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- detentur tal-karta tal-identita' numru -Omissis- akkuzat talli nhar l-24 ta' Dicembru 2021 bejn il-hinijiet ta' 20:00hrs u 23:30hrs gewwa Seaview Hotel, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, fi bnadi ohra f'San Pawl il-

Bahar, f'Bahar ic-Caghaq u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-eks siehba tieghu u cioe' -Omissis- u cioe persuna msemmija fl-artikolu 202(h) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-volonta' taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha,

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-eks siehba tieghu u cioe' -Omissis- f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq l-eks siehba tieghu l-istess -Omissis- li tigi omm it-tifel tieghu -Omissis-, hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephanie Scerri (Med Reg. 4005)

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' l-eks

siehba tieghu u cioe' -Omissis- f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq l-eks siehba tieghu l-istess -Omissis- li tigi omm it-tifel tieghu -Omissis-, hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephanie Scerri (Med Reg. 4005)

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb kontra l-eks siehba tieghu u cioe' -Omissis- sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'ohra fil-kodici kriminali lill-eks siehba tieghu, u cioe' -Omissis- jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi saq il-vettura ta' ghamla -Omissis- b'nuqqas ta' kont, traskuragni, u/jew b'mod perikoluz.

7. U aktar talli renda ruhhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil -Omissis- milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra -Omissis- a beneficju ta' -Omissis- u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' -Omissis- kif jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil -Omissis- billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil -Omissis- b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti

billi tapplika l-Arikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi -Omissis- sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 86, 87(1)(c)(h), 202(h)(i)(v), 214, 216(1)(b), 221(1), 222(1)(a), 202(h)(i)(v), 339(d), 339( e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kollha b'dan illi ghas-sitt (6) akkuza ssibu hati biss ta' sewqan bla kont u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin flimkien ma' Ordni fil-Komunita' (Artikolu 11) ghal erbghin (40) siegha.

Il-Qorti wkoll tordna Ordni ta' Trattament ghal sena (1) taht l-Artikolu 412D sabiex ikompli jindirizza l-problemi tieghu. Ukoll il-Qorti tordna Ordni ta' Trazzin ghal tliet (3) snin favur il-vittma, u liema ordnijiet qed jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment l-imputat qed jigi skwalikat mil-licenzja tas-sewqan ghal tmient (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**